

Dehra ġenerali ta' parti minn dawk preżenti fil-Knisja Rotunda għall-Kungress tax-Xirka.

# Il-45 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla

Nhar il-Ħadd 6 ta' April, sar l-egħluq tal-45 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Mill-25 ta' Marzu sas-6 ta' April, il-membri tax-Xirka wettqu diversi inizjattivi pastorali f'kollaborazzjoni mal-Parroċċa tax-Xewkija, fejn sar il-Kungress. Fost l-inizjattivi pastorali, ta' min isemmi l-laqgħat għall-kategoriji, żjajjar fil-familji tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof, żjajjar lill-morda, żjajjar lill-istudenti fl-iskola primarja "Rosa Magro" tax-Xewkija, fl-*MCAST* u fl-*Institute of Tourism Studies* fix-Xewkija, żjajjar fl-iskejjel sekondarji u post-sekondarji tar-Rabat, u żjarat lill-morda u lill-anzjani fl-isptar ġenerali u f'Dar Sant'Anna.

Għaċ-ċerimonja ta' l-egħluq, li saret fir-Rotunda tax-Xewkija, attendew numru kbir ta' Għawdxin. Wara li l-korteo bl-istatwa ta' Ġesù Ragħaj it-Tajjeb, akkumpanjat mill-Banda Prekursur tax-Xewkija, b'daqq ta' marċi reliġjużi, wasal fil-Knisja, il-parteċipanti ntlaqgħu minn diskors ta' merħba mill-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca.



L-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca waqt id-diskors ta' merħba.

Saru diskorsi ta' l-okkażjoni minn Mons Ewkarist Sultana, *Chaplain* djoċesan tax-Xirka f'Għawdex, u minn Patri Joe Vassallo OP, *Chaplain* nazzjonali. Imbagħad grupp ta' żgħażagħ tellgħu *feature* bl-isem "L-Eqqel Taqbida", dwar il-konverżjoni ta' Adolfo Rettè. Imbagħad Mons Isqof għamel diskors fejn, fid-dawl taċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Vokazzjonijiet (il-Ħadd 13 ta' April), huwa tkellem dwar is-sbuħija u l-kobor tal-vokazzjoni Reliġjuża u ta' Ħajja Kkonsagrata fil-Knisja. Iċ-ċerimonja ntemmet bil-barka sagramentali.

Fi tmiem iċ-ċerimonja, li kienet animata bil-kant mill-Kor parrokkjali *Vox Clamantis*, il-President djoċesan tax-Xirka Ġużeppi Refalo ħabbar li l-Kungress li jmiss se jsir fil-parroċċa ta' Sannat. Il-Kungress tax-Xirka jsir fit-tielet Ħadd ta' l-Għid.




Mons. Isqof Mario Grech waqt il-Kungress tax-Xirka. Jidhru mix-xellug għal-lemin, Dun Salv Tabone, ċerimonier, Mons Ewkarist Sultana, Chaplain djoċesan tax-Xirka f'Għawdex, u Patri Joe Vassallo OP, Chaplain nazzjonali.



Fost dawk preżenti kien hemm ukoll is-Sindku l-Avukatessa Monica Vella (Partit Laburista) u l-Kunsilliera li għadha kif ġiet eletta għall-ewwel darba, l-Avukatessa Marthese Portelli (Partit Nazzjonalista).



Il-Korteo mmexxi mill-Victoria Scout Group hekk kif wasal fuq iz-zuntier tal-Knisja Rotunda tax-Xewkija.

**AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri**





L-Isqof Mario Grech jidher iħawwel siġra taż-żebbuġ, simbolu tal-paċi, bħala tifkira tal-Ġublew tad-Deheb ta' l-iskola Primarja tax-Xewkija, f'wieħed mill-ġonna ta' l-istess skola.

# Jitfakkar il-Ħamsin Anniversarju mill-ftuħ ta' l-Iskola Primarja tax-Xewkija

Nhar il-31 ta' Marzu 2008 kien il-Ħamsin Anniversarju mill-bini u l-ftuħ ta' l-iskola Primarja Rosa Magro fix-Xewkija. Għal din l-okkażjoni, nhar it-Tlieta 8 t'April, fl-iskola msemmija, ittella' programm ta' tifkira ta' dan il-Ġublew tad-Deheb (1958-2008). Kienu mistiedna l-ġenituri kollha tat-tfal, eks studenti, eks għalliema u eks kapijiet ta' l-iskola flimkien ma' mistiedna u nies distinti oħra.

Il-programm beda b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa ta' ringrazzjament minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Il-programm kien imżewwaq bil-wiri ta' *photostory* ta' l-iskola fl-imgħoddi u fil-preżent; tnedija tal-"web-sajt" ta' l-iskola (http://schoolnet.gov.mt/xewkija), kxif ta' inkwadri artistiċi magħmula mit-tfal li ġew sponsorjati mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija; qari ta' komponimenti u poeżiji mit-tfal u tħawwil ta' siġra fil-ġnien minn Mons. Isqof Grech.

Horace Mercieca, riċerkatur ta' l-edukazzjoni, ippreżenta ktieb informattiv dwar l-istorja ta' din l-iskola li tmur lura sas-sena 1861. Sar ukoll il-ftuħ ta' wirja kif ukoll il-kxif ta' lapida kommemorattiva mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni, Saviour Tabone, Kap ta' l-iskola, irringrazzja lil dawk kollha preżenti li taw sehemhom u li marru jifirħu mat-tfal u l-*istaff* ta' l-iskola f'din l-okkażjoni.



Waqt il-qsim ta' kejk ta' l-okkażjoni mill-Prinċipal tal-Kulleġġ ta' Għawdex, il-Kavallier Frank Gatt. Jidhru ukoll, mix-xellug, is-Sindku tax-Xewkija, l-Avukatessa Monica Vella, is-Surmast ta' l-Iskola, Saviour Tabone u Horace Mercieca (eks Direttur ta' l-Edukazzjoni). Jidhru wkoll is-Sinjorina Lina Apap (eks kap ta' l-iskola), membri ta' l-istaff u ħbieb ta' l-iskola.




**CD ġdida ta' Kimberley Grech**
din tista' tinkiseb mill-uffiċċju ta'
**The Maltese Herald**
**235 Pitt Str, Merrylands jew ibgħatu għaliha f'P.O. Box 330 Merrylands NSW 2160**
bi prezz ta' **$20** jew żidu **$4** bil-posta jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Iċ-ċekk agħmluh f'isem Lino Vella**